MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1778/2001/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Amadeo Axiaq abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Amadeo Axiaq**

**vs**

**Pierre Paul Gregoire**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm229.34), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Amadeo Axiaq, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghal**

**excess ta' mitt lira Maltija (Lm25.00) kif ukoll sitta u tletin lira Maltija (Lm36.00) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Amadeo Axiaq, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Novembru, 1999, ghall-habta tat-8.30p.m. gewwa Qui Si Sana, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Amadeo Axiaq, bin-numru ta' registrazzjoni DEO-878 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ABF-325, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru, 2000, u ta' dik li qed tintbaghat kontestwalment lis-socjeta` assikurativa tal-konvenut Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Goudse Verzekering Maatschappij NV, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Jannar, 2002, fejn intqal illi t-talba ta' l-attur hi kontestata billi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni liema incident gara unikament minhabba n-negligenza ta' l-assigurat tas-socjeta` attrici; Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Francis Paul Ebejer, Amadeo Axiaq, Sharon Azzopardi, PS 500 John Giusti, Pierre Paul Gregoire u Anthony Savona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fis-27 ta' Novembru, 1999, ghall-habta tat-8.30p.m. fi Qui Si Sana, Tas-Sliema, fil-parti ta' hdejn il-parkegg. Il-vetturi involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DEO-878 misjuqa mill-attur Amadeo Axiaq, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABF-325 misjuqa mill-konvenut.**

**2. L-attur, li hu assikurat b'polza "comprehensive" mas-socjeta` attrici, jghid li kien qed isuq fid-**

**direzzjoni ta' Tigne`, meta l-vettura tal-konvenut issorpassatu u dahlet quddiemu fsalt li ma setax jevita l-incident. Fi kliem l-attur: "Il-konvenut kien gej warajja, qabizni u qabadni bil-mudguard ta' wara…….Rajtu x'hin dahal quddiemi u laqatni."**

**3. Il-konvenut jghid li l-vettura ta' l-attur kienet qed tregga' b'lura ghall-gol-parkegg, u waqt li qed jissorpassha l-attur saq il-quddiem ghal fuq ix-xellug tal-vettura tieghu. Il-konvenut jghid: "There was a car on the immediate left with reverse lights on. He stopped and as I proceeded towards Tigne` round his vehicle, he moved forwards." Skond il-konvenut meta hu kien qed jeffettwa s-sorpass l-attur kien stazzjonarju.**

**4. Minn valutazzjoni tal-fatti l-incident gara proprju minhabba li l-konvenut, li kien pjenament konxju li kien hemm l-attur quddiemu u li dan kien qed jimmanuvra, iddecieda f'dak il-waqt li jeffettwa surpass. Dana gara filghaxija u bl-art imxarrba. Ghalhekk kien jinkombi grad ta' diligenza akbar tenut kont tac-cirkostanzi. Definitivament il-manuvra tal-konvenut li mhux biss effettwa surpass izda kiser ghall quddiem l-attur kienet il-kawza ta' l-incident. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli il-konvenut.**

**5. Bhala danni dawna jirrizultaw mis-survey esebit, u mir-ricevuti esebiti. L-ammont ta' danni riportat mill-attur jammonta ghall- mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm229.34).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlieta u disghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm93.34), u lill-attur is-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm136.00) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru, 2000, u ta' dik mibghuta kontestwalment lis-socjeta` assikurattiva tal-konvenut Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti**

**tas-socjeta` estera Goudse Verzekering Maatschappij NV, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**